MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' April, 2025

Appell Inferjuri Numru 46/2024 LM

**Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija għal u għan-nom tal-Fondazzjoni għax-Xjenza u t-Teknoloġija u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2025, ġie miżjud il-kliem 'u Xjenza Malta'**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Farm Owners Group & Services Limited (C 86413)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Farm Owners Group & Services Limited (C 86413)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], minn deċiżjoni tal-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-

Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'] tat-3 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], li permezz tiegħu ddeċieda l-pretensjonijiet tar-rikorrent **Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija għal u għan-nom tal-Fondazzjoni għax-Xjenza u t-Teknoloġija, u Xjenza Malta** [minn issa 'l quddiem l-Kunsill noe appellat'] fil-konfront tas-soċjetà appellanta, billi ddikjara:

> *"D. Konklużjoni:*
>
> ***GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet imsemmija, l-Arbitru:*
>
> *(i) Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija intimata;*
> *(ii) Jilqa' l-ewwel talba tal-Kunsill rikorrent u jididkjara illi l-kumpannja intimata kisret l-obbligu tagħha li tippreżenta r-rapport finanzjarju ffirmat mir-rappreżentant legali tas-soċjetà intimata;*
> *(iii) Jilqa' t-tieni t-talba u jiddikjara illi konsegwenza ta' tali ksur, l-Artikli 4.2 u 4.3 huma operattivi fil-konfront tas-soċjetà intimata;*
> *(iv) Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara illi l-kumpannija intimata għandha tirrifondi s-somma ta' sitta u għoxrin elf tlett mija u sebgħa u erbgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€26,347.80)*
> *(v) Jilqa' r-raba' talba u jikkundanna lil-kumpannija intimata sabiex tirrifondi lill-Kunsill rikorrent is-somma msemmija ta' sitta u għoxrin elf tlett mija u sebgħa u erbgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€26,347.80)*
>
> *Bl-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ, skont it-Taxxa tal-Ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, li qiegħda tiġi annessa ma' dan il-lodo u mmarkata Dokument Ittra X, jitħallsu mill-kumpannija intimata kif mitlub, u bl-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali 14/2020 sad-data tal-pagament effettiv."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-partijiet kienu ffirmaw ftehim bejniethom fil-21 ta' Ġunju, 2018, b'numru ta' riferenza GAB_2018_07, fejn is-soċjetà appellanta ntrabtet li teżegwixxi proġett kif propost fl-applikazzjoni tagħha taħt l-iskema magħrufa bħala *'Scheme for the Provision of Proposals aimed at a Holistic Approach to the Sustainable Management of Livetock Manure and Slurry within a Circular*

*Economy Context-2018',* u dan skont it-termini u l-kundizzjonijiet hemm patwiti. Skont il-Kunsill noe appellat, is-soċjetà appellanta kisret l-obbligi tagħha taħt l-imsemmi ftehim, billi naqset milli tippreżenta rapport finanzjarju, u dan minkejja li ġiet debitament interpellata diversi drabi, anki permezz ta' ittra uffiċjali. Il-Kunsill noe appellat permezz tal-ittra uffiċjali numru ta' referenza 14/2020, infurmaha li l-ftehim ta' bejniethom kien qed jiġi tterminat *ai termini* tal-Artikolu 4.1 tiegħu. Hija ġiet interpellata ukoll sabiex tirrifondi s-somma ta' sitta u għoxrin elf tliet mija sebgħa u erbgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€26,347.80) li l-Kunsill noe appellat kien taha bħala għotja sabiex tkun tista' twettaq il-proġett propost minnha. Madankollu s-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti.

## <u>Mertu</u>

3. Il-Kunsill noe appellat ippreżenta Avviż tal-Arbitraġġ fit-28 ta' Lulju, 2020, u anki Talba bil-Miktub fl-istess jum, fejn talab lill-Arbitru sabiex:

> *"1. **Tiddikjara** illi s-soċjetà intimata kisret l-obbligu tagħha illi tippreżenta r-rapport finanzjarju ffirmat mir-rappreżentant legali tas-soċjetà intimata,*
>
> *2. **Tiddikjara** illi konsegwenza ta' tali ksur, l-Artikoli 4.2 u 4.3 huma operattivi fil-konfront tas-soċjetà intimata,*
>
> *3. **Tiddikjara** illi għab-bażi tal-imsemmi Artikolu 4.3, is-soċjetà intimata għandha tirrifondi lura is-somma ta' sitta u għoxrin elf tlett mija u sebgħa u erbgħin ewro u tmenin ċenteżmu (Eur26,347.80), jew somma oħra verjuri.*
>
> *4. **Tikkundanna** lis-soċjetà intimata sabiex tirrifondi lura lill-Kunsill is-somma ta' sitta u għoxrin elf tlett mija u sebgħa u erbgħin ewro u tmenin ċenteżmu (Eur26,347.80), jew somma oħra verjuri.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-preżenti, u dawk tal-ittri uffiċjali numru 229/19 u 14/2020, u ittri legali, bl-imgħax legali kontra s-soċjetà intimata dekoribbli mid-data tal-ittra*

*uffiċjali numru 14/2020 sad-data tal-pagament effettiv, minn issa stess inġuta għas-subizzjoni."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-22 ta' Ottubru, 2020, fejn sostniet li t-talbiet tal-Kunsill noe appellat huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għar-raġunijiet li jsegwu kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih:

*"1. Illi s-soċjetà intimata wettqet ix-xogħlijiet kollha u l-obbligi kollha tagħha hekk kif mitlub minnha;*
*2. Illi s-soċjetà intimata għamlet dak kollu possibbli sabiex il-proġett ikun jista' jinħeles, kien biss minħabba l-inadempjenza tal-*project manager *u* project co-ordinator *li avverat ruħha din is-sitwazzjoni;*
*3. Illi jekk xejn kienet il-*project manager *u* project co-ordinator *li ma wettqitx l-obbligi tagħha u r-responsabbilitajiet tagħha hekk kif elenkati fil-kuntratt relattiv;*
*4. Illi s-soċjetà intimata kienet fil-fatt sajma mill-informazzjoni kollha relattiva għal dan il-proġett u dan hekk kif sejjer jigi dettaljatament ippruvat waqt il-kors ta' dawn il-proceduri;*
*5. Illi d-dokumentazzjoni kollha relattiva dejjem ġiet kompilata u sottomessa mill-*project manager *u* project co-ordinator *li dejjem ħadet ħsieb li tagħmel ix-xogħlijiet kollha relattivi u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni partikolari l-għaliex ir-rapport finanzjarju ma jiġix debitament iffirmat u ppreżentat minnha;*
*6. Illi jingħad ukoll li mhux minnu li r-rapport finanzjarju ma ġiex ippreżentat u dan hekk kif sejjer jiġi ampjament ippruvat;*
*7. Illi għalhekk, kienet l-istess Maria Magro li ma ottempratx ruħha mal-obbligi minnha assunti u in sostenn ta' dan qed jitolbu l-kjamat in kawza tal-istess Maria Magro f'dawn il-proċeduri;*
*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

## Il-Lodo Arbitrali Appellat

5. Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"C. Kunsiderazzjonijiet tal-Arbitru***

*C.1 Osservazzjonijiet preliminari*

*7. Il-vertenza bejn il-partijiet, fl-aħħar mill-aħħar hija waħda kuntrattwali li tinbet mill-Ftehim. Il-Ftehim jirregola għoti ta' fondi mill-Kunsill lill-kumpannija intimata b'rabta ma' skema imsejħa* Scheme for the Provision of Proposals aimed at a Holistic Approach to the Sustainable Management of Livestock Manure and Slurry within a Circular Economy Context – 2018*. Din kienet skema tal-Aġenzija Governattiva għall-Governanza tal-Bijo-Riżorsi Agrikoli (GAB) iżda l-Kunsill rikorrenti ġie fdat bit-tħaddim tagħha. (fn. 1: Ara affidavit ta' Dr Melchior Cini, paragrafu 2) Il-kumpannija intimata ressqet applikazzjoni taħt din l-iskema li ġiet meqjusa favorevolment (fn. 2: Dok a mat-Talba bil-Miktub), u kien dan li wassal biex imbagħad ġie iffirmat il-Ftehim.*

*8. L-applikazzjoni tressqet minn Maria Magro minn indirizz elettroniku personali tagħha (*m.magro28@gmail.com*). Maria Magro hija wkoll imsejħa fl-istess applikazzjoni bħala* "Manager" *u* "Lead Partner"*. Madanakollu, fl-ewwel paġna tal-applikazzjoni, tissemma "Farm Owners Group & Services" illi hija deskritta bħala* "Group of Farmers." *Bl-istess mod, fis-sezzjoni* "Organisation"*, jingħad illi* "Farm Owners Group & Services ... has been recently set up by a group of seven Gozitan farmers, the majority of whom are cattle livestock breeders with the aim to improve the management of livestock"*. Fl-istadju tal-applikazzjoni ma jidhirx li kien għal kollox ċar illi "Farm Owners Group & Services" hija kumpannija, u dan bir-raġun, għaliex kif xehdet Maria Magro, f'dak l-istadju kien għad hemm biss il-ħsieb li tiġi ffurmata l-kumpannija li, però, kienet għadha ma ġietx reġistrata. (fn. 3: Ara xhieda ta' Jannar, 2022) Mhux kontestat illi l-Ftehim ġie eventwalment ffirmat mal-kumpannija intimata, "Farm Owners Group & Services Ltd".*

*9. Bl-applikazzjoni intalbet għotja ta' € 131,739. It-talba ġiet milqugħa skont il-kundizzjonijiet tal-Ftehim li, fost l-oħrajn, jispeċifika kif ġej fil-klawżola 2.1:*

> Subject to the terms and conditions of this Contract, the Managing Authority hereby grants to the Beneficiary, who hereby accepts, the amount of one hundred thirty one thousand seven hundred thirty nine Euros (€ 131,739), (hereinafter referred to as "the Grant") as a financial contribution to fund, in whole or in part as the case may be, the carrying out and performance by the Beneficiary of the Project specified in Annex 2 hereto and in accordance with all the details thereof as part of the Scheme and subject to all conditions applicable hereto.
>
> The Grant shall be given to the Beneficiary in separate tranches as follows:
>
> The Grant shall be given to the Lead Partner in separate tranches as follows:

(i) An amount representing twenty per cent (20%) of the Grant amounting to € 26,347.80 shall be transferred upon the signing of this Contract and

(ii) A maximum amount representing eighty per cent (80%) of the Grant amounting to € 105,391.20 shall be transferred upon certified completion of the Project to the satisfaction of the Managing Authoity, subject to providing all requested Technical and Financial Audited Reports.

*10. Kif jidher mill-bran kwotat, il-kuntratt jidher li fih żball fis-sens illi l-ewwel jingħad illi l-għotja se tingħata lill-*"Beneficiary" *u mbagħad lil-*"Lead Partner" *(li, kif rajna, fl-applikazzjoni hemm muri li hija Maria Magro.) Madanakollu, mhux kontestat, u jirriżulta mill-provi mressqa (fn. 4: Ara ngħidu aħna Doc C1, C2 u C3 mat-Talba bil-Miktub) illi l-ħlas ta' € 26,347.80 sar b'ċekk pagabbli lill-kumpannija intimata, u li Maria Magro aċċettatu f'isem l-istess kumpannija intimata.*

*11. Il-Kunsill rikorrenti jrid jieħu lura dan il-ħlas li sar mal-iffirmar tal-Ftehim għax jgħid illi l-kumpannija intimata kisret il-Ftehim. Il-Kunsill isostni b'mod partikolari illi l-proġett qatt ma ġie ċertifikat bħala komplut għas-sodisfazzjon tiegħu, u li ma ġewx preżentati* "all Technical and Financial Audited Reports" skont kif mitlub fil-Ftehim. *(fn. 5: Paragrafu 8 tal-Avviż tat-Talba u affiavit ta' James Foden)*

*12. Il-Kunsill jipponta lejn l-Artikolu 8.3.1 tal-Annex 1 tal-Ftehim, illi jitlob hekk:*

8.3.1 End of Project Technical and Financial Reports (hereinafter referred to as the "Project State Reporting").

These reports shall be submitted to the Managing Authority in accordance with the templates provided in Annex 4 to this Contract, and by not later than two (2) weeks from completion of Project.

*13. Il-Kunsill jgħid illi minkejja insistenza tal-Kunsill baqgħu nieqsa r-Rapport Tekniku, ir-Rapport ta' Fattibilità u r-Rapport Finanzjarju. Għalhekk, il-Kunsill jinvoka l-klawżoli tal-Ftehim dwar terminazzjoni f'każ ta'* Events of Default*, speċifikament, il-Klawżola 4.1.4 :* If the Beneficiary has breached any of its obligations arising out of this Contract including failure to adequately perform to required standards.

*14. Il-Kunsill jgħid illi l-konsegwenza ta' tali ksur hija mniżżla fl-istess klawżola li tistipula:*

Upon the occurrence of an Event of Default in terms of Article 4.1, the Managing Authority shall give notice to the defaulting Beneficiary. In the event that the defaulting Beneficiary fails to remedy the Event of Default

within one (1) week from such notice, the Contract in respect of the defaulting Beneficiary shall be considered to be terminated and the respective Beneficiary shall forfeit all its rights under this Contract. The defaulting Beneficary may also be temporarily disqualified from participating in any future funding programmes that may be issued by the Council.

Upon the happening of an Event of Default in terms of Article 4.1, the Beneficiary shall be obliged, upon first written demand of the Managing Authority, to immediately refund any payments made to it through the Grant, whether in whole or in part, at the sole discretion of the Managing Authority and as the Managing Authority shall demand.

15. *Abbażi ta' dan, il-Kunsill rikorrenti qed jitlob ir-rifużjoni tal-ammont imħallas.*

16. *Min-naħa tagħha, il-Kumpannija intimata tilqa' għal dawn l-allegazzjonijiet b'seba' eċċezzjonijiet li, mad-daqqa t'għajn jistgħu jidhru kemmxejn kontradittorji, anke jekk l-Arbitru qed jifhem u ser iqis illi dawn tressqu bla ħsara għal xulxin. Hekk, bl-ewwel u s-sitt eċċezzjoni il-kumpannija intimata tiċħad għal kollox l-allegazzjonijet ta' ksur billi ssostni illi hija wettqet ix-xogħlijiet kollha u l-obbligu kollha tagħha hekk kif mitlub minnha (l-ewwel eċċezzjoni) u li mhux minnu illi r-rapport finanzjarju ma ġiex ippreżentat (is-sitt eċċezzjoni). Madanakollu, fil-bqija tal-eċċezzjonijiet tpoġġi t-tort fuq Maria Magro, li bħala* project manager *u* project co-ordinator "ma wettqitx l-obbligi tagħha u r-responsabbilitajiet tagħha kif elenkati fil-kuntratt relattiv" *(it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-seba' eċċezzjoni). Għall-istess raġuni, fir-raba' eċċezzjoni, l-intimata saħansitra tgħid illi hija* "kienet fil-fatt sajma mill-informazzjoni kollha relattiva għal dan il-proġett."

17. *B'żieda ma' dan, għalkemm dan ma jingħadx espliċitament fir-risposta tal-intimata, il-linja ta' domandi u x-xhieda mressqa mill-intimata waqt l-arbitraġġ pruvaw ukoll jitfgħu dell fuq kif mexa l-Kunsill rikorrent f'din il-kwestjoni kollha.*

18. *Għal kull bwon fini jingħad illi filwaqt illi għalkemm il-kumpannija intimata tiċħad illi għandha tħallas lura l-ammont mitlub minnha, ma saret ebda kontro-talba għal xi bilanċi taħt il-kuntratt.*

19. *L-arbitru jidhirlu li l-vertenza bejn il-partijiet hija, fl-essenza tagħha, waħda kuntrattwali. Għalhekk għandhom jiġu applikati l-prinċipji bażilari li, fl-ordinament Malti (u mhux biss), jipprovdu l-qafas għat-twettiq tal-kuntratti – ċjoe min-naħa waħda* pacta sunt servanda *u min-naħa l-oħra l-*bona fede.

*Hija regola fundamentali tal-liġi li l-kuntratti għandhom jiġu mwettqa b'rieda tajba u jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi li ġġib*

*magħha tali obbligazzjoni (ara l-**Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili**). Il-partijiet għall-kuntratt għandhom jiżguraw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt isseħħ f'armonija ma' dak li huma raġonevolment kellhom f'moħħhom fil-konklużjoni tal-operazzjoni ekonomika ta' bejniethom (ara **Saviour Muscat v. Sam Pantalleresco**, Appell Inferjuri tal-20 ta' Novembru, 2009 u **Gloria mart Jonathan Beacom et v. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines** Appell Superjuri tal-5 ta' Ottubru, 1998). Dan huwa rifless fil-massima latina* pacta sunt servanda*, li tfisser li kull ftehim għandu jiġi onorat. (fn. 6: Mercury p.l.c. v Persona Limited, Qorti tal-Appell (Superjuri), 29 ta' Frar, 2024)*

*20. Fid-dawl ta' tali prinċipji, u tenut kont tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet, l-arbitru jidhirlu li ċ-ċavetta tal-vertenza bejn il-partijiet tinsab fir-risposta għal dawn il-kweżiti:*

*20.1 Huwa minnu illi, kif isostni l-Kunsill rikorrenti, l-intimata naqset illi tipprovdi d-dokumentazzjoni meħtieġa kuntrattwalment?*

*20.2 Jekk jirriżulta illi d-dokumentazzjoni ma ngħatatx mill-intimata, għandu dan iwassal biex jintlaqgħu t-talbiet tal-Kunsill rikorrenti, jew hemm fatturi oħra (ngħidu aħna, ħtija ta' terzi jew tal-Kunsill rikorrenti stess) li jeżoneraw lill-kumpannija intimata mill-konsegwenzi tan-nuqqas?*

*21 Dawn il-punti ser jitqiesu fl-istess ordni.*

C.2 Allegat ksur tal-kuntratt

*22 Fil-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, issir referenza għal numru ta' dokumenti li allegatament il-kumpannija intimata naqset li tipprovdi skont il-Ftehim. Madanakollu, kemm it-talba stess, kif ukoll mill-provi mressqa, jidher illi fl-aħħar mill-aħħar, il-vertenza hija speċifikament dwar l-hekk imsejjaħ* **"rapport finanzjarju."** *Dan ir-rapport jinkludi, fost l-oħrajn, ġustifikazzjoni tal-ispejjeż inkorsi fit-twettiq tal-proġett, bil-għan illi l-għotja mill-Kunsill tkun tista' tiġi sostanzjata. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn konferma ta' awditur.*

*23 Mill-provi jirriżulta wkoll illi, kif sikwit jiġri, il-kwadru fattwali huwa aktar kumpless minn dak li seta' jidher mad-daqqa t'għajn. Dan għaliex, kif timplika l-kumpannija rikorrenti fis-sitt eċċezzjoni tagħha, tassew li rapport finanzjarju kien ġie redatt u mgħoddi lill-Kunsill rikorrenti. Madanakollu, jidher illi nqala' nuqqas ta' qbil intern fi ħdan il-kumpannija rikorrenti b'dan illi Maria Magro, li kienet il-*project co-ordinator*, ma kinitx qed taqbel mar-rapport finanzjarju għaliex dehrilha illi xi fatturi li ssemmew fir-rapport kienu ġew "*gonfjati*". Tgħid ukoll illi fir-rapport jissemmew diversi ħlasijiet (inkluż ħlasijiet li suppost saru lilha) illi kienu għadhom ma ġewx inkorsi, u li għalhekk, skont il-kundizzjonijiet tal-għotja, ma setgħux jintalbu. Għalhekk ma ħassithiex komda illi tieħu responsabbilità għar-rapport finanzjarju. Dan it-tħassib tagħha tennietu f'laqgħa illi hija kellha ma' rappreżentanti tal-Kunsill rikorrenti nhar l-20 ta'*

*Diċembru, 2018 (fn. 7: Ara affidavit tal-Inġinier James Foden, paragafu 10 u 11 u affidavit ta' Zona Ivanovic, paragrafu 9.). Konferma ta' dan it-tħassib kif ukoll tad-diverġenzi fl-intern tal-kumpannija intimata jirriżultaw ukoll f'*email *mibgħut mill-konsulent Tony Meli. (fn. 8: Ara Dok MC 4 mal-affidavit ta' Dr. Melchior Cini) L-istess riservi reġgħu ġew konfermati kemm minn Maria Magro stess, kif ukoll minn żewġha Joe Magro, waqt ix-xhieda tagħhom quddiem l-arbitru fejn minbarra illi stqarrew il-fatti msemmija, sostnew ukoll illi ġew akkużati li qed* "ibagħbsu fil-fondi"*, minkejja illi skont huma, baqgħu ma tħallsux minkejja x-xogħol sostanzjali li kkontribwew għas-suċċess tal-proġett. (fn. 9: Xhieda seduta tas-17 ta' Jannar, 2022)*

*24 L-allegazzjonijiet ta'* "gonfjar" *ta' fatturi huwa kontestat mill-bqija tad-diretturi tal-kumpannija intimata. Issir referenza fost l-oħrajn għall-affidavit dettaljat ta' Emanuel Vella (fn. 10: Ippreżentat 15 ta' Novembru, 2021) li fih jispjega illi ma kien hemm ebda* overcharging *iżda kien hemm biss deċiżjoni illi jintalab ħlas għal xogħol u/jew spejjeż illi għalkemm oriġinarjament ma kinux inklużi fl-applikazzjoni, kienu ġenwinament ingħataw u għalhekk setgħu jintalbu bħala parti mill-għotja. Huwa jgħid ukoll illi dan il-fatt kien ġie diskuss mal-Kunsill rikorrent, fejn kienet Zona Ivanovic stess illi ġibditilhom l-attenzjoni li dan ix-xogħol setgħu japplikaw għalih* "billi dan kien xogħol extra li ma kienx imdaħħal fil-kuntratt." *Teddy Mercieca u Francis Tabone, fl-affidavit tagħhom, jikkonfermaw l-istess fatti. L-awditur Joseph Dingli, fl-affidavit tiegħu, ukoll jaqbel illi bejn il-partijiet kien hemm diskussjonijiet dwar liema xogħol kellu jiġi fatturat, u jispjega li kwalunkwe diskrepanza kienet ġejja minn hekk. (fn. 11: Affidavit Joseph Dingli, paġna 1) Jikkonferma wkoll l-awditur illi l-fatturi u r-rapport finanzjarju jirriflettu l-qagħda tal-kumpannija intimata kif anke riflessi fid-dokumentazzjoni mgħoddija lir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

*25 Madanakollu, u irrispettivament minn liema verżjoni tar-rapport finanzjarju hija korretta, il-Kunsill rikorrenti jidher li spiċċa f'dilemma. Min-naħa l-waħda kellu f'idejh rapport finanzjarju illi l-awditur tal-intimata kien qed isostni illi għandu jitqies bħala wieħed* "finali" *għall-iskopijiet tal-Ftehim (fn. 12: Ara affidavit tal-Inginier James Foden, paragrafu 12 u affidavit ta' Zona Ivanovic paragrafu 10). Mela, minn dak il-lat, wieħed jista' jasal li jargomenta illi l-kumpannija intimata tassew illi, formalment, wettqet l-obbligu tagħha u forniet id-dokumentazzjoni mitluba, għalkemm din ma kinitx iffirmata minn rappreżentant tal-kumpannija intimata. Min-naħa l-oħra, però kien hemm rappreżentanta tal-intimata li, għandu jingħad, kienet ukoll indikata bħala l-*Manager *u* Project Co-ordinator*, li mhux talli ma kinitx qed taqbel mal-kontenut tar-rapport finanzjarju, iżda saħansitra kienet qed issostni mal-Kunsill rikorrenti illi tali rapport kien ivvizzjat minn attentati illi jsir abbuż mis-sistema.*

*26 Fid-dawl ta' din il-kwestjoni interna fi ħdan il-kumpannija intimata, il-Kunsill rikorrenti nsista li r-rapport finanzjarju jiġi formalment imressaq, iffirmat minn rappreżentant/i tal-kumpannija intimata. Dwar dan xehed in kontroeżami Dr James Foden li jgħid:*

> Qed issirli referenza għall-paragrafu 12 tal-affidavit fejn jiena nsemmi l-Klawżola 8.3.2 Annex 1, u qed jiġi suġġerit lili li din il-Klawżola ma titlobx firma tar-rapport finanzjarju. Nispjega li aħna nipprovdu templates tar-rapport, u fit-template hemm spazju għall-firma għaliex din hija parti integrali tal-grant agreement.

*27 It-talba tal-Kunsill għar-rapport iffirmat tirriżulta minn korrispondenza f'*emails *(fn. 13: Ara ngħidu aħna Dok A sa Dok D mal-affidavit tal-Inġinier James Foden, kif ukoll xhieda dwar din il-korrispondenza, mogħtija fl-affidavit ta' Zona Ivanovic). Minn dan il-lat, mill-provi tqajjem dubbju dwar jekk dawn l-*emails *waslux tassew għand ir-rappreżentanti tal-kumpannija intimati jew le.*

*28 Jibqa' l-fatt però illi t-talba għal dan ir-rapport finanzjarju eventwalment saret ukoll b'ittra legali (Dok F mat-Talba) tat-28 ta' Frar, 2019, kif ukoll b'ittra uffiċjali tas-16 t'April, 2019, debitament notifikata. Hawn tajjeb jingħad illi l-Ftehim ma kienx jirrikjedi dawn l-avviżi kollha, iżda kien biżżejjed* written notice of default *biex il-Kunsill jista' mbagħad iqis il-Ftehim terminat. Għalhekk ma jistax jingħad illi l-Kunsill mexa rraġonevolment jew li ma tax opportunitajiet lill-kumpannija intimata sabiex tipprovdi d-dokument mitlub. Anzi, jirriżulta illi t-terminu għas-sottomissjoni tad-dokumenti kien ġie estiż bosta drabi.*

*29 Jirriżulta wkoll illi anke jekk forsi mhux b'mod immedjat, ir-rappreżentanti l-oħra tal-kumpannija intimata (ċjoe, apparti Maria Magro) eventwalment żgur li kienu jafu bit-talba li kienet qed issir mill-Kunsill rikorrenti iżda insistew (tramite l-awditur u l-konsulent legali tal-intimati) illi r-rapport finanzjarju kellu jiġi ffirmat minn Maria Magro.*

*30 Għalhekk, mill-assjem tal-provi joħroġ illi qatt ma kien verament kontestat illi r-rapport finanzjarju, iffirmat mir-rappreżentanti tal-kumpannija intimata, baqa' qatt ma ġie provvdut.*

*31 Wieħed għalhekk jistaqsi, anke fid-dawl ta' prinċipji ta'* bona fede *u raġonevolezza, kienet raġonevoli t-talba tal-Kunsill illi jinsisti fuq rapport finanzjarju ffirmat, jew messu straħ fuq ir-rapport finanzjarju illi ġiet provdut lilu, anke jekk mhux iffirmat minn xi rappreżentant tal-kumpannija intimata?*

*32 F'dan ir-rigward, l-arbitru jinnota illi it-*templates *annessi mal-ftehim tassew jindikaw lok għall-firma ta' rappreżentant tal-Benefiċjarja. Però ma jistax ma jinnotax*

*ukoll illi dan ir-rekwiżit, li forsi f'kuntesti oħra jista' jitqies formalistiku, wieħed jifhmu f'dan il-każ fejn evidentement kien hemm mhux biss diżgwid, iżda wkoll allegazzjonijiet ta' irregolarità. L-arbitru jasal biex jikkonkludi illi t-talba tal-Kunsill rikorrenti għal* "Financial Report duly signed by the legal representative of the company" *kienet waħda mhux biss raġonevoli, iżda korretta fiċ-ċirkustanzi. Wieħed ma jridx jinsa illi hawn qed nitkellmu dwar għotja magħmula minn fondi pubbliċi, u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni ta' abbuż għandha tittieħed b'serjetà liema bħalha. Terġa' u tgħid, f'dan il-każ, tali allegazzjoni kienet qed issir minn rappreżentanta tal-intimata stess li kienet, addirittura l-*project coordinator*. Kienet tkun leġġerezza kbira li kieku, fid-dawl ta' dan, il-Kunsill rikorrenti ma talabx illi xi rappreżentant legali tal-intimata jieħu responsabbilità għad-dokument mitlub. Maria Magro għamiltha ċara illi mhix se tieħu responsabbilità għar-rapport. Dan ma kienx iżomm lil rappreżentanti legali oħra tal-kumpannija illi jiffirmaw ir-rapport huma.* Del resto*, għalkemm jidher li Maria Magro u żewġha kienu qed imexxu l-proġett, rappreżentati oħra tal-kumpannija kienu nvoluti wkoll u kienu anke jattendu laqgħat dwaru. Madanakollu, huma għażlu li ma jiffirmawx ir-rapport huma. Mhux talli hekk, iżda talli tramite l-awdituri saret insistenza illi għandha tkun Maria Magro li tissottometti r-rapport (minkejja illi, kif intqal, hija ma kinitx qed taqbel miegħu). Jirriżulta illi dan sar wara deċiżjoni espliċita tad-diretturi l-oħra, li min-naħa tagħhom isostnu illi ma kellhomx jiffirmaw għaliex ma kellhomx aċċess għall-informazzjoni dwar il-proġett. (fn. 14: Ara, ngħidu aħna, xhieda ta' Teddy Mercieca u Francis Tabone, 11 t'April, 2022)*

*33 Mhuwiex il-kompitu tal-arbitru illi jiżen jekk ir-rapport finanzjarju kienx korrett jew le, jew jekk Maria Magro għandhiex raġun jew le, għax dan jeżorbita l-vertenza tal-arbitraġġ. L-arbitru lanqas se jidħol fil-kwestjoni ta' jekk, mil-lat tekniku, il-proġett ġiex kompletat jew le, għalkemm Dr Melchior Cini, Maria Magro u Joseph Magro jagħtu x'jifhem illi l-*milestones *tekniċi ma ntlaħqux. Il-pern tal-kwestjoni, kif jirriżulta fit-talbiet stess, huwa pjuttost jekk id-dokumenti mitluba mill-Ftehim ġewx sottomessi.*

*34 Jirriżulta illi l-Kunsill kellu quddiemu verżjonijiet differenti tal-istess rapport finanzjarju (u tal-fatti u saħansitra tal-fatturi li fuqhom kien imhejji) u li meta l-Kunsill talab illi rappreżentant/i tal-kumpannija intimata jieħdu responsabbilità għall-verżjoni finali tar-rapport **ffirmat**, ħadd minn tali rappreżentanti ma għamel dan. Il-Kunsill ma qabadx u qatagħha illi jxolji l-Ftehim, anzi ta diversi opportunitajiet lill-kumpannija intimata biex tindirizza n-nuqqas. Ma jidhirx illi l-kumpannija intimata, qabel l-arbitraġġ innifsu, ikkontestat it-talba tal-Kunsill bħala irraġonevoli, iżda minflok, insistiet illi għandha tkun Maria Magro li tissottometti kwalunkwe dokument rikjest. Maria Magro, kif rajna, kellha riservi li spjegathom ukoll waqt ix-xhieda*

*tagħha u li wassluha biex ma tirrikonoxxix l-aħħar verżjoni tar-rapport finanzjarju. Sadattant, it-talba tal-Kunsill baqgħet ma ġietx indirizzata.*

*35 Tajjeb jingħad illi fil-kuntest ta' għotja bħal din, meta applikant jintalab għal dokument, dan ma għandux jitqies bħala eżerċizzju ta', kif tgħid l-espressjoni Ngliża,* ticking the box. *Proprju għalhekk, il-Kunsill mexa korrettement meta talab kjarezza fuq materja illi dwarha, il-*project co-ordinator *stess qajmet dubbji serji, u nsista għal rapport iffirmat.*

*36 Fid-dawl ta' dan, l-arbitru jikkonkludi illi huwa korrett il-Kunsill rikorrenti meta jgħid illi d-dokumenti li kellhom jiġu sottomessi skont il-Ftehim baqgħu ma ġewx provduti, bi ksur tal-istess ftehim.*

C.3 Allegata responsabbilità ta' terzi

*37 Ladarba ġie konkluż illi l-kumpannija intimata ma provdietx id-dokumentazzjoni mitluba minnha skont il-Ftehim, imiss issa li wieħed iqis jekk kienx hemm xi fatturi, ngħidu aħna responsabbilità ta' terzi, illi jeskludu l-ħtija tal-kumpannija intimata.*

*38 Fir-rigward tal-Kunsill rikorrenti, ġa ġie kkunsidrat illi dan mexa b'korrettezza u li t-talbiet li saru minnu kienu raġonevoli. Għalkemm jidher li seta' kien hemm xi dewmien biex il-Kunsill jipprovdi xi dokumentazzjoni lill-konsulent legali tal-kumpannija intimata, wieħed jifhem illi dan ġara minħabba d-diżgwid intern fil-kumpannija intimata stess. Fuq kollox, ma jirriżultax illi dan kien xi fattur determinanti biex l-intimata ma tressaqx id-dokumentazzjoni mitluba minnha.*

*39 Fir-rigward tal-aġir ta' Maria Magro, li referenza għaliha ssir f'diversi mill-eċċezzjonijiet tal-kumpannija intimata, l-arbitru jħoss illi dan mhuwiex fattur illi huwa rilevanti għall-arbitraġġ odjern. Maria Magro ma kinitx, f'isimha personali, firmatarja tal-kuntratt li fuqu huma msejsa t-talbiet tal-Kunsill rikorrenti.*

*Għalhekk, illi dan l-arbitraġġ jgħarbel ir-responsabbilità o meno ta' Maria Magro f'din il-kwestjoni kollha jmur lil hemm mill-arġini ta' dawn il-proċeduri, fost l-oħrajn billi:*

*39.1 Kif ġa intqal fid-digriet mogħti preċedentement rigward it-talba għas-sejħa fil-kawża, Maria Magro fil-vesti personali tagħha qatt ma ssottoponiet ruħha għall-klawżola arbitrali;*

*39.2 F'kull każ, Maria Magro fil-vesti personali tagħha ma kellha ebda obbligu kuntrattwali lejn il-Kunsill rikorrenti, u għalhekk il-Ftehim ma jistax jiġi enforzat fil-konfront tagħha;*

*39.3 Bil-kontra, hija l-kumpannija intimata illi għandha tirrispondi għal kwalunkwe nuqqas li tottompera ruħha mal-Ftehim, irrispettivament mill-aġir personali ta' uffiċjali, azzjonisti jew rappreżentanti tagħha. Il-Kunsill*

*rikorrenti ma għandux jiġi mċaħħad milli jeżerċita r-rimedji li jappartjenu lilu minħabba kwestjonijiet bejn terzi.*

*40 Il-Kunsill rikorrenti dehrlu illi n-nuqqasijiet senjalati minn Maria Magro jista' jkollhom mis-sewwa. Daqstant ieħor, ir-rappreżentanti l-oħra tal-kumpannija intimata ma jaqblux ma' Maria Magro, anzi jqisuha responsabbli għal kwestjoni li nqalgħet. Ir-raġunijiet għal dan huma spjegati partikolarmet fl-affidavit ta' Emanuel Vella. Dwar dan, però, l-arbitru mhux se jiddeċiedi, kemm għaliex jidhirlu li huwa proċeduralment prekluż milli jagħmel dan għar-raġunijiet imsemmija, kif ukoll sabiex iħalli bla mittiefes kwalunkwe jeddijiet u rimedji illi l-protagonisti ta' din l-affari jista' jidhrilhom li għandhom lejn xulxin.*

C.4 Konsegwenzi tal-ksur

*41 Huwa korrett il-Kunsill rikorrenti meta jqis illi f'każ ta'* Event of Default *li ma jiġix sanat, il-Kunsill jista' jitlob mhux biss ix-xoljiment tal-ftehim iżda wkoll il-ħlas lura ta' kwalunkwe fondi ġa stanzjati biex jiffinanzjaw il-proġett relattiv. Dan jirriżulta mill-Klawżola 4.1.4 tal-Ftehim.*

*42 Għalhekk, l-arbitru sejjer iqis it-talba f'dan is-sens bħala ġustifikata.*

*43. Fir-rigward tal-imgħaxijiet, l-arbitru jaqbel li dawn għandhom jiddekorru mid-data tal-ittra uffiċjali 14/2020, ċjoe 7 ta' Jannar, 2020. Dan għaliex għalkemm saru interpellazzjonijiet qabel, kienet bl-ittra uffiċjali 14/2020 li saret it-talba speċifikament għar-rimbors tas-somma pretiża."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Is-soċjetà appellanta appellat mil-lodo arbitrali quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ntavolat fil-21 ta' Mejju, 2024, fejn qiegħda titlobha sabiex:

*"... jogħġobha li, b'akkoljiment tal-aggravji mressqa mill-esponenti f'dan l-appell, tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fit-3 t'April, 2024, billi tiċħad it-talbiet tal-Kunsill appellat u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-esponenti, bl-ispejjeż kontra l-istess Kunsill appellat."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Arbitru naqas li jikkunsidra sew il-verżjoni li taw l-azzjonisti tagħha, iżda wkoll dak li xehed dwaru l-*accountant* Joseph Dingli.

7. Il-Kunsill noe appellat wieġeb fl-4 ta' Ġunju, 2024, fejn issottometta s-segwenti: (a) l-appell kien *fuori termine;* (b) is-soċjetà appellanta kellha tippreżenta prova permezz ta' riżoluzzjoni tal-bord li d-diretturi kollha kienu approvaw li jiġi ntavolat il-preżenti appell; (ċ) l-appell mhux qiegħed isir skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 tat-Taqsima VI tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta; u (d) fil-mertu, l-allegazzjoni tas-soċjetà appellanta hija fiergħa għal kollox.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra jekk l-appell odjern tassew ma sarx fit-terminu preskritt mil-liġi, kif qiegħed jikkontendi l-Kunsill noe appellat. Huwa jirrileva li l-arbitraġġ odjern għandu jitqies bħala arbitraġġ domestiku *ai termini* tal-Kap. 387, u kif regolat mit-Taqsima IV tiegħu. Jgħid li l-appell mill-proċeduri odjerni jinsab regolat permezz tas-subartikolu 69A(2) tat-Taqsima VI tal-imsemmija liġi, u s-subartikolu 70(2) jitlob li jekk isir appell taħt l-artikolu 70, dan għandu jiġi ntavolat fi żmien ħmistax-il jum min-notifika lill-appellant tal-lodo arbitrali. Jissottometti li s-subartikolu 70B(2) jitlob ukoll li jekk jsir appell taħt l-artikolu 70A, dan għandu jiġi ppreżentat fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika lill-appellant tal-lodo arbitrali, iżda mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Parti B tar-Raba' Skeda, li jipprovdi li *"deċiżjoni għandha titqies li tkun ġiet riċevuta mill-partijiet fid-data li d-deċiżjoni tingħata bil-miftuħ".* Il-Kunsill noe appellat jgħid li l-lodo arbitrali ngħata fit-3 ta' April, 2024, u applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Parti B tar-Raba' Skeda, għandu jiġi kkunsidrat li s-soċjetà appellanta rċeviet l-imsemmi lodo arbitrali fl-istess data. Jgħid li b'hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70A tal-Kap. 387,

it-terminu tal-appell skada fit-18 ta’ April, 2024. Il-Kunsill noe appellat jissottometti li skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 u 70A tal-Kap. 387, il-perijodu ta’ ħmistax-il jum għandu jibda jiddekorri mid-data li fiha s-soċjetà appellanta ġiet notifikata bil-lodo arbitrali, li fil-każ odjern kien fl-4 ta’ Mejju, 2024. B’hekk jgħid li l-aħħar ġurnata li fih seta sar l-appell odjern kien fid-19 ta’ Mejju, 2024, iżda peress li dan kien il-Ħadd, it-terminu kellu jagħlaq ġurnata wara, it-Tnejn 20 ta’ Mejju, 2024. Il-Kunsill noe appellat jirrileva li madankollu l-appell odjern sar fil-21 ta’ Mejju, 2024.

9. Il-Qorti tgħid li l-Kunsill noe appellat għandu raġun. Tgħid li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 70(2) tal-Kap. 387 u dawk tas-subartikolu 70B(2) tiegħu, ma jħallu l-ebda dubju dwar it-terminu li fih għandu jiġi ntavolat appell minn lodo arbitrali, u anki minn meta għandu jibda jiddekorri l-imsemmi terminu ta’ ħmistax-il jum. Kif sewwa jirrileva l-Kunsill noe appellat, dan it-terminu għalaq fl-20 ta’ Mejju, 2024, wara li skont kif jirriżulta mill-kopja tal-avviż tal-irċevuta tal-posta reġistrata li hemm fl-inkartament tal-proċeduri arbitrali, is-soċjetà appellanta rċeviet kopja tal-lodo arbitrali fl-4 ta’ Mejju, 2024. Għalhekk jirriżulta li l-appell odjern ġie ntavolat ġurnata tard, u *fuori termine.*

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara li l-appell odjern sar wara li għalaq it-terminu preskritt mil-liġi għall-preżentata tiegħu, u għalhekk huwa irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż ta’ dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**